MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 1663/1995/1

**Frank Brincat u martu Rose Brincat, Mark Brincat, Pierre Brincat, Isabelle Brincat u Aldo Brincat eredi ta' Antoine Brincat**

**u ghal kull interess li jista' jkollhom Josianne mart Mark Brincat**

**u Maria Dolores sive Dorianne mart Pierre Brincat u**

**b’digriet tas-7 ta’ Ottubru 2011 stante l-mewt ta’ Frank Brincat**

**fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz f’isem l-istess**

**uliedu Mark Brincat, Pierre Brincat, Isabelle Brincat u Aldo Brincat**

**v.**

**Claudia Camilleri u b'digriet tat-8 ta' Lulju 1996 intervjena fil-kawza in statu et terminis l-Avukat Dr. Stephen Thake bhala segretarju u ghan-nom tas-socjeta` Laferla Insurance Agency Ltd.**

**u din bhala mandatarju tal-assenti Andrew Wallace f'ismu proprju**

**u ghan-nom tad-ditta estera assikuratrici**

**Crowe Motor Policies at Lloyds**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:

> "Illi fl-1 ta' Novembru 1993 ghall-habta ta' 4.45am il-konvenuta waqt li kienet qed issuq il-karozza tal-marka Suzuki bin-numru tar-registrazzjoni K-3531 proprjeta` ta' Raymond Camilleri fi Triq Aldo Moro, Marsa tilfet il-kontroll tal-vettura taghha u baqghet diehla go arblu tad-dawl u kkagunat il-mewt ta' Antoine Brincat.
>
> "Illi l-incident sehh unikament tort u htija b'negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta u kkagunat il-mewt ta' Antoine Brincat u ghalhekk l-atturi sofrew danni.
>
> "Ghalhekk l-atturi talbu li jigi dikjarat li l-konvenuta hi responsabbli tal-incident minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha u liema incident sehh fl-1 ta' Novembru 1993 fi Triq AldoMoro, Marsa meta kienet qed issuq il-karozza tal-marka Suzuki numru tar-registrazzjoni K-3531 u kkagunat il-mewt ta' Antoine Brincat, li jigu likwidati

d-danni sofferti mill-atturi rizultat tal-incident stradali fuq deskritt u indikat fl-ewwel talba, li l-konvenuta tigi kundannata thallas lill-atturi s-somma likwidata fit-tieni talba bl-imghax dovut.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn gie eccepit li fl-ewwel lok id-dikjarazzjoni notifikata lilha mac-citazzjoni ma hix iffirmata mill-avukat u Prokuratur Legali u li fit-tieni lok hi ma kinetx bl-ebda mod responsabbli ta' dan l-incident li ma sehhx minhabba xi imperizja, traskuragni, negligenza jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ta' traffiku da parti taghha.

Rat id-digriet tat-8 ta’ Lulju 1996 li permezz tieghu il-Qorti laqghet it-talba tas socjeta` Laferla Insurance Agency Limited u ammettiet lill-istess socjeta` bhala intervenuta fil-kawza;

Rat in-nota tal-eccezjonijiet tal-Avukat Dr. Stephen Thake bhala Segretarju u ghan-nom tal-istess socjeta` fejn gie eccepit:

“1. Illi l-esponent nomine ghandu interess guridiku f’din il-kawza u dan sabiex jipprova illi din il-vettura ma kienitx koperta minn polza ta’ assikurazzjoni mahruga mill-esponent b’mod illi skont il-Ligi ma jistghux jigu nvokati kontra tieghu d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 104.”

Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili moghtja fis-26 ta' Novembru 2010 li permezz taghha, wara li astjeniet li tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta stante li din giet irtirata, cahdet l-eccezzjonijiet l-ohra, u sabet lill-konvenuta responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ikkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' €149,371.07, bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-hlas effettiv; bl-ispejjez ukoll a kariku tal-istess konvenuta;

Rat ir-rikors tal-konvenuta li permezz tieghu hija talbet illi din il-Qorti:

> "… … … joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata tas-26 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet premessi billi tiddikjara illi l-konvenuta appellanti ma hijiex responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi u ghalhekk tichad it-talbiet attrici; alternattivament f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi illi l-konvenuta appellanti hija responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi, tirriforma s-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-konvenuta appellanti responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza, tirrevokaha fir-rigward tal-kap tal-likwidazzjoni tad-danni u minflok tillikwida l-istess danni f'ammont inferjuri ghar-ragunijiet imfissra f'dan l-appell, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi."

Rat ir-risposta tal-appellat li permezz tieghu wara illi irrespinga l-aggravji tal-appellant fir-rigward tas-sentenza imsemmija issottomettew illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess risposta;

Illi l-Ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod;

"**Fatti rizultanti**

"Jirrizulta li l-konvenuta Claudia Camilleri, waqt li kienet qed issuq il-karozza Suzuki bir-registrazzjoni K 3531, proprjeta ta' huha Raymond Camilleri, fi Triq Aldo Moro Street Marsa tilfet il-kontroll u baqghet diehla go arblu tad-dawl u kkagunat, fost hsarat u danni ohra, il-mewt ta' Antoine Brincat, li kien passiggier fl-imsemmija vettura u li miet sforz il-griehi gravi li garrab. L-imsemmija vettura ma kenitx koperta b'assikurazzjoni u ghalhekk bhala rizultat il-fatalita' in kwestjoni mhux koperta b'assikurazzjoni. Irid jigi osservat li kien hu l-konvenuta li kien responsabbli biex igedded l-assikurazzjoni, li kienet skadiet ftit tal-granet qabel l-incident de quo.

"Jirrizulta ukoll li l-mejjet Antoine Brincat kellu jiltaqa' mal-konvenuta wara li din tispicca mix-xoghol fir-Riza Apart Hotel. Antoine Brincat qaghad jistenna lill-konvenuta sakhemm din tispicca mix-xoghol. Wara li telqghu mir-Riza l-konvenuta, Antoine Brincat u habiba tal-konvenuta Susan Cauchi marru flimkien is-Suncrest. Wara madwar tliet sighat marru r-Rock Café f'Paceville. It-tlieta flimkien telqu minn Paceville ghall-habta tat-3.30a.m/l-4.00a.m sabiex jirritornaw lura d-dar. Il-konvenuta kienet qed issuq l-imsemmija vettura f'dan il-tragitt.

"**Responsabilita'**

"Ma giex ippruvat sodisfacjentement li l-konvenuta kienet taht l-influwenza tax-xorb waqt li kienet issuq meta sehh l-incident. F'dan ir-rigward ix-xhud Spettur Gaetano Walker ikkonferma li ma sarux ezamijiet ghar-rigward tal-konvenuta b'mod partikolari l-ezami biex jigi stabbilit jekk il-konvenuta kienitx taht l-influwenza ta' xorb alkoliku. Il-konvenuta ma offritx x-xhieda taghha u l-passigiera l-ohra, li kienet fil-karozza misjuqa mill-konvenuta, meta xehdet dwar l-istat tal-konvenuta meta din kienet qed issuq biex imorru lura d-dar, ma kienitx affidabbli u ikkontradixxiet lilha nfisha tul id-deposizzjoni taghha. L-istess xhud ma titfa' ebda dawl dwar dak li gara qabel li sehh l-incident u kif grat il-fatalita' u dan billi, kif tghid l-istess xhud, hi kienet rieqda fil-hin tal-incident.

"Peress li ma hemmx xhieda okulari li jistghu jghidu kif u ghaliex sehh l-incident, il-Qorti ghandha tezamina il-provi sabiex possibilment jigi stabbilit kif

u ghal-liema raguni sehh l-incident. L-imsemmi xhud l-Ispettur Walker xehed illi ftit boghod mill-arblu tad-dawl, li habtet mieghu l-konvenuta, fuq il-bankina kien hemm marki li kienu kompatibbli mal-fatt li l-karozza habtet l-ewwel mal-bankina u imbaghad baqghet diehla fuq l-arblu tad-dawl. Qal li kien hemm ukoll brake-marks li kienu ta' xi tmien (8) metri.

“Flimkien mal-process verbal relattiv ghall-incident in kwestjoni gie esibit ir-rapport kongunt tal-perit legali u tal-perit mekkaniku, xi ritratti u pjanta tal-lokalita’ fejn gara l-incident. L-imsemmija perit legali u perit tekniku kkonkludew li diversi fatturi jindikaw “kas ta’ vettura li tilfet il-kontroll u baqghet diehla go arblu.” Il-periti ziedu jghidu li “dan hu kaz ta’ ‘res ipsa loquitur’ fejn l-oggetti stess jaghtuk stampa cara ta’ x’gara.”

“L-istess periti kkonsidraw it-tul ta’ hin kemm il-konvenuta kienet ilha barra cioe’ “12-il siegha shah qabel l-incident.” Skond l-istess periti l-affarijiet jindikaw sewqan traskurat li wassal ghall-incident awtomobilistiku bil-konsegwenzi kollha koroh li kien hemm fosthom il-mewt. Skond il-periti “min isuq b’mod prudenti ma jitlifx il-kontroll tal-vettura tieghu u ma jispiccax go arblu bla raguni valida (ezempju wara impatt ma’ vettura ohra). Ghalhekk il-perit wasslu ghall-kokluzjoni li l-konvenuta kellha twiegeb ghall-kosegwenzi kollha li sehhew minhabba l-incident in kwestjoni. Il-periti rrilevaw li l-vettura li kienet qed issuq il-konvenuta kellha hsarat kbar u estensivi, fosthom ghafsa kbira ta’ 60cm u l-arblu kellu daqqa kbira. Hubcap tal-karozza u bicca bumper spiccaw il fuq mill-arblu u l-hgieg tal-karozza kien jestendi sa’ erbghin (40) metri l-fuq mill-istess arblu. Il-vettura kellha hsarat estensivi u l-qawwa tal-impatt ma’ l-arblu tad-dawl juri illi l-konvenuta kienet qieghda ssuq b’velocita` eccessiva wisq, hafna aktar milli kien ghaqli li ssuq.

“Il-fattur gia msemmi li l-konvenuta kienet ilha barra mill-4.00pm tal-gurnata ta' qabel u f’dan il-perjodu ukoll hadmet u wara x-xoghol il-konvenuta marret tiddeverti mal-hbieb. Ma jistax jigi eskluz li tul dan il-hin kollu l-konvenuta hadet xorb alkoliku b’mod specjali meta kienet Paceville qed tiddeverti. In effett ma jirrizultawx fatturi ohrajn li jista’ jinghad li kkawzaw jew kkontribwew biex sehh l-incident. Hawnhekk il-kwestjoni hi jekk l-imsemmi fattur ta’ kemm kienet ilha barra l-konvenuta flimkien ma’ fatturi ohra kollha li huma indikati fir-rapport peritali tal-inkjesta jammontawx ghall-provi bizzejjed biex jista’ jinghad li l-konvenuta ghandha tigi ritenuta responsabbli ghall-incident in kwestjoni u konsegwentement responsabbli ghall-mewt ta’ wiehed mill-passiggieri riekeb maghha fil-vettura in kwestjoni u dan civilment.

“Fil-proceduri kriminali l-konvenuta giet liberata mill-akkuzi principali u dan peress li dik il-Qorti korrettement irriteniet li fil-kamp kriminali dak li jissejjah “res ipsa loquitur” mhux bizzejjed biex tigi radikata htija fl-imputat. Hawnhekk qeghdin fil-kamp civili u hu bizzejjed li l-Qorti tkun konvinta fuq bazi ta’ probabbilita’ li l-konvenuta ghandha tigi ritenuta responsabbli.

“Flimkien mal-process verbal relattiv, kif gia’ intqal, gew esibiti r-rapport kongunt tal-perit legali u tal-perit mekkaniku mahtura fil-kors tal-inkjesta, gew ukoll esibiti ritratti li ttiehdu mill-espert fotografiku ukoll nominat ghall-finijiet tal-inkjesta magisterjali, il-pjanta tal-lokalita’ fejn gara l-incident, liema pjanta giet esibita mill-Perit Richard Aquilina u r-rapport maghmul mill-imsemmi perit li fih hemm deskrizzjoni tal-post tal-incident u fejn saru ukoll kostatazzjoni dwar il-post fejn sehh l-incident.

“Jirrizulta wkoll li sar access fuq il-post mill-imsemmija esperti. L-imsemmija perit legali u perit tekniku kkonklludew, fir-rapport taghhom, li diversi fatturi jindikaw “kas ta’ vettura li tilfet il-kontroll u baqghet diehla go arblu.” Il-periti ziedu jghidu li “dan hu kaz ta’ ‘res ipsa loquitur’ fejn l-oggetti stess jaghtuk stampa cara ta’ x’gara.”

“Il-Qorti hasbet fit-tul dwar l-imsemmija kwestjoni dwar il-grad tal-prova rikjesta f’dawn il-proceduri u hadet in kosiderazzjoni l-provi kollha prodotti u tikkonkludi li taqbel li d-daqqiet u l-hsarat li garbet il-vettura misjuqa mill-konvenuta jindikaw li kien hemm sewqan b’velocita’ eccessiva u sewqan traskurat da parti tal-konvenuta, liema sewqan wassal ghall-incident awtomobilistiku in kwestjoni bil-konsegwenzi kollha tieghu inkluz id-decess ta’ wiehed mill-passiggieri. Biex il-vettura tal-konvenuta spiccat f’arblu tad-dawl bilfors kien hemm sewqan imprudenti li wassal li l-konvenuta tilfet il-kontroll tal-vettura. Vettura ma tispiccax mahbuta ma arblu tad-dawl ghal xejn b’xejn. Inoltre partijiet tal-vettura wara l-habta spiccaw il-boghod mill-karozza mahbuta. Il-vettura kellha impatt qawwi hafna mal-arblu u dan ukoll hu indikattiv ta’ sewqan traskurat u b’velocita’ eccessiva fir-rigward tal-kondizzjonijiet li fihom kienet qed issuq il-konvenuta. Inoltre jirrizullta li l-konvenuta habtet l-ewwel ma’ bankina u wara baqghet diehla fuq l-arblu tad-dawl. Kien hemm ukoll brake-marks li kienu pjuttost twal.

"In vista ta' dan kollu li gie premess il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenuta hi responsabbli ghall-incident in kwestjoni li sehh fl-1 ta' Novembru 1993 fi Triq Aldo Moro, Marsa meta l-konvenuta kienet qed issuq il-karozza tal-marka Suzuki numru tar-registrazzjoni K-3531 u ghalhekk responsabbli wkoll ghall-kosegwenti mewt tal-passiggier Antoine Brincat.

"**Likwidazzjoni tad-danni**

"Il-Qorti issa ser tghaddi biex tillikwida d-danni sofferti mill-atturi bhala rizultat ta' l-incident. F'dan il-kaz jistghu jinghataw danni bhal li kieku kienet tirrizulta inkapacita' totali u d-danni ghandhom jigu kalkolati skond il-provedimenti tal-artikolu 1045 tal-Kodici Civili. L-artikolu ta' wara (Artikolu 1046) jitkellem dwar id-danni li huma intitolati ghalihom il-werrieta tal-parti li tkun mietet. Dan l-ahhar artikolu jistipula "Jekk minhabba l-eghmil li jaghti lok ghad-danni xi hadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjez attwali ikkagunati, taghti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bhal fil-kaz ta' inkapacità totali ghal dejjem, skond id-disposizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan." Ghalhekk l-artikolu 1045 u l-artikoli 1046 huma espressament applikabbli ghal dan il-kaz cioe' fejn hemm involut kaz ta' mewt minhabba incident. Ghalhekk din l-azzjoni qed issir mill-eredi ta' Antoine Brincat skond l-imsemmija artikoli. M'hemmx dubju li l-eredi tal-mejjet ghandhom dritt li jitolbu kumpens minnghand min ikkaguna l-istess mewt.

"L-atturi qed jippretendu li jinghataw kumpens ghat-telf tal-"lucrum cessans" u, kif gia nghad, tali kumpens ghandu jigi mqabbel mal-kumpens li jigi likwidat f'kaz ta'inkapacita` totali. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet "Giuseppa Cortis et vs Cecil Baker nomine" tal-31 ta' Jannar 1997 irriteniet li "l-fatt li l-legislatur uza l-kelma 'eredi' mhix per se konklussiva li l-azzjoni hi moghtija iure ereditatis ghax biex azzjoni tkun tali qabel xejn trid tkun tirrigwarda xi beni li kien ga fil-patrimonju tad-decujus qabel ma miet…ghalhekk l-interpretazzjoni li trid tinghata lill-Artikolu 1089 (illum Artikolu 1046) mhix dik li l-eredi huma vestiti b'dik l-azzjoni bhala dritt lilhom trasfuz mill-vittma, izda inveci li, ghalkemm huma jikkonsegwixxu dak id-drittt minhabba l-mewt tieghu, dan isir ope legis u bhala dritt minhabba l-mewt tieghu, dan isir ope legis u bhala dritt proprio taghhom, li hu koncett sostanzjalment differenti, u ghalhekk mhuwiex dritt recepit mill-massa ereditarja, ghax hawn mhux qed nitkellmu izjed fuq it-trasmissjoni ordinarja lill-eredi tieghu tad-drittijiet minnu akkwistati waqt hajtu taht l-artikolu 1088 (illum l-artikolu 1045) u li ma kellux zmien jesperixxi ghalih innifsu sakemm miet, izda fuq ordni iehor ta' ideat."

"Id-dritt ghar-risarciment ghad-danni hu ukoll dritt patrimonjali li jintiret bhall-drittijiet ohra u ma jigix modifikat ghax jghaddi b'wirt f'idejn is-successur. Ghalhekk id-dritt tas-successur ghandu jigi konsidrat li huwa l-istess dritt li kellu l-awtur taghhom u dan kif gie ritenut minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-2 ta' Frar 1998 fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Turner vs Frank Agius et" (citazzjoni 180/94). Ghandu ukoll jigi rilevat li l-indennizz jigi akkordat lill-werrieta u mhux lid-dipendenti u kwindi ma hemmx bzonn li jkun hemm d-dipendenza tal-eredi ghar-rigward tal-awtur taghhom. Kwindi fil-kaz ta' mewt ta' l-awtur, meta l-qraba jfittxu ghall-kumpens jaghmlu dan ghax jilbsu l-libsa legali tal-vittma u mhux fuq bazi ta' dipendenza u konsegwentement il-grad ta' dipendenza cert li mhux kondizzjoni biex jinghata l-kumpens. Ghalhekk l-atturi jisthoqqilhom li jircievu dak li kien ikollu dritt jircievi l-awtur taghhom kieku fl-incident ma mietx imma garrab griehi li hallewh ghal kollox inkapaci.

"Fil-kawza "Raymond Gauci et propio et nomine s Christopher Galea" il-Qori rriteniet li "aktar jidher car li a bazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija f'latitudini wiesgha imhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu, u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni tal-istess, dawn certament ma humiex assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta ir-rizultat tal-applikazzjoni taghhom ma jwassalx ghall-kumpens reali u adegwat.

"Il-formula li ser tintuza sabiex jigu kkwantifikati id-danni hi Salarju annwali moltiplikat bis-snin ta' kemm id-decujus seta ghex wara l-incident u possibilment jitnaqqas percentagg invista tal-konsum personali u possibilment tnaqqis iehor minhabba "lump sum payment." Dwar is-salarju tad-decujus jirrizulta li Antoine Brincat kien jahdem fil-Club Riza Management Ltd u kellu salarju gross ta' Lm2446.73 (qabel it-taxxa) fis kif jirrizulta mill-P3 relativa (fol.7). F'dan ir-rigward jista jinghad li t-taxxa li seta kien qed ihallas jew li kien ghad fadallu jhallas il-mejet m'ghandiex tittiehed in konsiderazzjoni. fil-kawza "Laura Formosa et vs Emanuel Spiteri et" deciza minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-28 ta'April 2005 saret referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "Muscat vs Schembri" deciza fis-27 ta Jannar 1972 fejn intqal li "l-income tax li seta hallas id-decujus ossia d-danneggiat hi affari bejnu u l-gvern li fiha l-obbligat ma jidholx. Bl-istess mod f'"Micallef vs Cassar" deciza fl-10 ta' Mejju 1982 intqal li "l-kontribuzzjonijiet li seta ghamel id-danneggiat ghan-National Insurance m'ghandhomx jitnaqqsu mill-paga."

“Fil-kalkolu pero’ ghandha tinghata konsiderazzjoni lill-potenzjali avvanz li d-decujus seta fil-futur ikollu. Il-ligi nostrana tikkunsidra biss kumpens ghat-telf pekunarju u kwindi m’ghandux jigi konsidrat gwadann ipotetiku li seta ghamel id-decujus fil-futur li kieku baqa’ haj u b’mod partikolari mit-talent tad-decujus tal-pittura. F’dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet “Butler vs Heard” deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta’ Dicembru 1967. Inolte ghandu jinghad li ma giex ippruvat li l-mejjet Antoine Brincat qatt biegh xi bicca arti minn tieghu u ghalghekk lanqas hemm indikazzjoni ta’ x’seta kien il-valur tax-xoghol tat-tpingija tad-decujus.

“Ghalhekk tenut kont tal-gholi tal-hajja u tal-inflazzjoni hu opportun li tigi adottata s-somma ta' tlett elef lira maltin (Lm3000) bhala salarju annwali u dan ghall-finijiet sabiex jigu dterminati d-danni sofferti bhala 'lucrum cessans.” Jirrizulta li Antoine Brincat meta miet kellu hamsa u ghoxrin (25) sena. Fis-sentenza fl-ismijiet “Caruana vs Camilleri” deciza fis-27 ta’ Frar 2004 il-Qorti ta’ l-Appell irriteniet dwar il-“multiplier” li ghandhom jigu konsidrati l-kontingenzi eventwali tal-hajja futura. Ghalhekk hu gust u opportun li f’dan il-kaz il-multiplier jkun tletin (30) sena. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari l-Qorti jidhirla li ghandu jigi konsidrat tnaqqis ghall-konsum personali u tali tnaqqis ghandu jammonta ghal hamsa u ghoxrin fil-mija (25%). Inoltre ghandu ukoll isir tnaqqis minhabba li s-somma, li ser tigi likwidata, ghandha tithallas f’pagament wiehed (lump sum payment). F’dan l-istadju jigi rilevat li f’dan ir-rigward kien hemm kazijiet fejn il-“lump sum payment deduction” ma saritx (vide “Joseph Cini vs George Wells et” u sentenza fl-ismijiet “Susan Davies et vs Anthony Galea” deciza fl-10 ta’ Ottubru 1967). Kien hemm kazijiet fejn inghata persentagg baxx ekwivalenti ghal riduzzjoni ta’ persentagg kull sena mid-data tal-incident. (Vide “Joseph Bartolo et propio et nomine et vs George Zammit” tat-30 ta’ April, 2001, “Caruana vs Camilleri” tal-5 ta’ Ottubru 1993 u “Desira vs Cassar” tat-13 ta’ Jannar 1995.) Kien hemm kazijiet fejn sar riduzzjoni b’percentagg shih ta’ ghoxrin fil-mija (20%). (Vide Citazzjoni numru 1857/98/RCP “Raymond Gauci et propio et nomine vs Christopher Galea).

“Fil-kaz in esami ghar-rigward ta’ dan it-tnaqqis (“lump sum payment) ghandu jigi rilevat li l-incident inkwestjoni gara fil-1993 u cioe 13-il snin ilu u ghalhekk hu gust u opportun li jsir tnaqqis bhala “lump sum payment” pero’ in vista tal-istess cirkostanzi partikolari dan it-tnaqqis ghandu jigi kalkolat tal-hamsa fil-mija (5%).

> “In konkluzjoni d-danni qed jigi likwidati fis-somma komplessiva ta erba u sittin elf mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm64125) ekwivalenti ghal euro mija u disa u erbghin elf tlett mija u wiehed u sebghin u seba centezmi (€149371.07) u dan skond il-kalkolu imsemmi a bazi ta’ Lm3000 (salarju annwali) molitiplikat b’30 sena b’tnaqqis ta’ hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) bhala konsum personali u b’tnaqqis tal-hamsa fil-mija (5%) bhala “lump sum payment” u cioe’ erba u sittin elf mija u hamsa u ghoxrin liri maltin (Lm64125). Ghalhekk il-konvenuta ghandha tigi kundannata thallas lill-atturi l-imsemmija somma li hi ekwivalenti ghal euro mija u disa u erbghin elf tlett mija u wiehed u sebghin u seba centezmi (€149371.07).”

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ April 2014 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkonsidrat;

**AGGRAVJI TAL-KONVENUTA**

Kif inghad l-appellanti qed tappella mis-sentenza sija ghaliex qed issostni li ma ghandhiex tigi ritenuta responsabbli ghall-incident in kwistjoni u wkoll ghaliex issostni li anke jekk is-sentenza tigi konfermata ghal dik li hija htija, hija ghandha tigi ikkundannata ghal hlas ta’ danni inqas minn dak ordnat mill-ewwel Qorti.

**L-ewwel aggravju** tal-appellanti huwa kif inghad illi hija qed issostni li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li hija tahti ghall-incident hija zbaljata.

L-appellanti tghid li l-ewwel Qorti skartat is-sottomissjoni taghha li l-kontenut tar-rapporti peritali fil-process verbal li gie esebit minnha fuq ordni tal-istess Qorti ma ghandux jitqies bhala prova.

Il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni tal-appellanti illi l-process verbal ma kellux jitqies bhala prova ta' kif gara l-incident u hija perplessa wkoll kif il-Qorti **ordnat** lill-istess appellanti biex tesebixxi l-istess process verbal. Kif espost ben tajjeb fis-sentenza li ghaliha rreferiet l-appellanti fl-ismijiet **Cuschieri v. Vella** deciza fit-30 ta' Gunju 1965 din il-prova '*ma ghandha qatt tigi konsidrata fuq l-istess livell bhala prova dokumentali, ghax dokument darba biss jista' jitkellem u ma jistax ibiddel lilu innifsu, mentri xhud anke xhud espert (perit) jista' jbiddel il-verzjoni jew l-opinjoni skont il-kaz'.*

Il-Qorti ghalhekk taqbel li r-responsabbilita` tal-appellanti ghall-akkadut irid johrog mill-provi l-ohra u anke hawn taqbel mal-appellanti illi mill-provi jirrizulta li l-appellanti qalet lill-Ispettur Walker u persuni ohra li hija kienet skiddjat u din hija fic-cirkostanzi l-ahjar prova. Infatti l-appellanti ma xehdetx waqt din il-kawza u ddikjarat 'seduta stante' (fol. 80) illi a kawza tal-incident hija ma

baqghet tiftakar xejn. Billi sfortunatament Antoine Brincat miet bhala konsegwenza tal-incident u x-xhud l-ohra u cioe` Susan Cauchi li kienet passiggiera raqdet kif appena hija rikbet il-karozza, ghalkemm 'detto del detto' dak li qalet l-istess appellanti wara l-incident hija ammissibbli bhala prova tenut kont tal-impossibbilita` li tingieb prova ahjar.

Ghalhekk stabbilit li l-appellanti skiddjat u dan kien il-kagun tal-incident il-Qorti trid tistabbilixxi jekk hija tahtix ghall-incident. Dan ghaliex kif irriteniet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawzi fl-ismijiet **Joseph Vella v. Anthony Camilleri** (29 ta' Jannar 1998) u **Jason Agius v. Direttur tal-Edukazzjoni** (30 ta' Ottubru 1995) *f'materja ta' skidd il-principju regolatur ma jistax ikun hlief li skidd wahdu la huwa prova ta' negligenza u lanqas skriminanti.* Biss *biex id-difiza ta' skidd tirnexxi jehtieg li s-sewwieq jipprova mhux biss li l-incident kien dovut ghall-art tizloq izda wkoll li skidd sar b'ebda tort tieghu.* (**Dottor Remgio Zammit Pace noe v. George Despott,** Prim' Awla 24 ta' Frar 1997).

Kif ghalhekk jghid l-awtur **Bingham (Motor Claims Cases, pagna 122**);

*A defence of skidding is sometimes raised in answer to a prima facie case of negligence but the modern tendency is to regard a skid as placing a heavy onus on the defendant.*

Dan il-bran gie citat b'approvazzjoni fil-kawza fl-ismijiet **Hector Cassola nomine v. Christopher Vassallo** deciza mill-Prim' Awla fit-28 ta' April 1987. Anke f'kawza ohra **Paul Vassallo v. Carmelo Pace** (5 ta' Marzu 1986, Qorti tal-Appell), intqal illi *min jallega li dak li gara kien dovut ghal **inevitable accident** bhal ma qed jaghmel il-konvenut f'dan il-kaz fejn jghid li dak li gara hu dovut ghal **casus**, ghandu l-obligu li jipprovah*.

Ghalhekk ghall-appellanti ma hux bizzejjed tipprova li hija skiddjat izda wkoll li dak l-iskidd ma kienx dovut ghas-sewqan taghha u ma hemmx wisq dubbju li hija naqset li taghmel dan.  Kif inghad hija ma xehditx f'din il-kawza u hadd mix-xhieda li tressqu ma setghu jitkellmu dwar kif sehh l-incident.  Kull ma huwa cert huwa li l-appellanti kienet qed issuq il-karozza u l-vettura li kienet qed issuq spiccat go arblu.  Kwindi kuntrarjament ghal dak li qed targumenta fir-rikors tal-appell, kellha tkun hija stess li ladarba qed tallega l-iskidd li tipprova li ma kellhiex responsabbilta` ghall-akkadut ghaliex f'kazi simili ikun hemm '*prima facie'* prova tan-negligenza tad-*driver*.  (**Domenico Spiteri v. Graham Spencer,** 16 ta' Novembru 1957).  Kieku wiehed jaccetta t-tezi taghha kull vettura li kienet ghaddejja mit-triq li fih gara l-incident kienet tiskiddja izda naturalment dan ma garax.  Kien ikun forsi differenti l-kaz kieku per ezempju l-iskid sehh minhabba xi tifrix ta' zejt.

F'kawza civili d-decizjoni trid tinghata fuq preponderanza tal-provi u din il-Qorti fic-cirkostanzi tal-kaz, hija konvinta skont dawn il-parametri li l-atturi appellati ressqu provi li jikkonvincuha mill-fatt li l-konvenuta appellanti kienet responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Naturalment ukoll hemm differenza kbira fl-oneru tal-prova bejn kawza civili u kawza kriminali. Ghalhekk ir-referenza tal-appellanti ghall-kawza kriminali dwar l-incident in kwistjoni u li fiha hija giet liberata ma ghandha ebda rilevanza f'dan ir-rigward.

Dwar l-aggravju tal-*volenti non fit iniuria*, il-Qorti jidhrilha li d-definizzjoni klassika ta' dan il-principju hija dik ta' **Charlesworth** (Law of Negligence Pagna 498) u cioe` *A person who makes an agreement with another, either expressly or by implication, to run the risk of injury caused by that other, cannot recover for damage caused by him by any of the risks he agreed to run.* (Citat b'approvazzjoni fis-sentenzi fl-ismijiet **Vassallo v. Pace –** Appell 5 ta' Marzu 1986, **Caruana v. Camilleri –** Prim' Awla 13 ta' Frar 2001 u **Turner v. Agius –** Appell 28 ta' Novembru 2003).

Fl-ewwel kaz (**Vassallo v. Pace**) il-Qorti tal-Appell iccitat estensivament lill-istess awtur (l-istess pagna 498) li qal illi *the first point is that the Courts will not find the existance of an implied agreement unless the person who is alleged to have made it had full knowledge of the nature and risk to be run. The other point is that although plaintiff had full knowledge of the risk and with*

*that knowledge in fact incurred it, he will not be prevented from recovering unless the circumstances are such as to show that in incurring that risk he did it on terms that the loss should fall on him and not on some other person. This is because as often has been pointed out, the maxim is **volenti non fit iniuria** and **not scienti non fit iniuria**.*

Huwa evidenti illi f'dan il-kaz ma hemm ebda prova li l-mejjet kellu xi forma ta' ftehim mal-appellanti f'dan is-sens.

Ghalhekk l-aggravju dwar ir-responsabbilita` huwa respint.

**It tieni aggravju** huwa dwar il-***quantum*** tad-danni likwidati favur l-atturi mill-ewwel Qorti. L-ilment taghhom huwa bazikament li l-ewwel Qorti kien messha naqqset l-ammont likwidat minnha b'zewg terzi, tenut kont tal-fatt li l-atturi ma kienux dipendenti fuq il-vittma u dan fuq l-iskorta tas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **Turner v. Agius** tat-28 ta' Novembru 2003.

Il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-aggravju; kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Agius v. Fenech**, deciza fid-29 ta' Ottubru 2003, '*hemm differenza bejn dak li jinghata lill-armla u t-tfal tal-mejjet ghal dak li jigi likwidat favur il-genituri u hutu. Din id-differenza tirrrifletti l-grad tad-dipendenza fuq l-introjtu generat*

*mid-decujus ta' parti u ta' ohra ghall-ghixien taghha'.* Huwa wkoll minnu li kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Turner v. Agius** imsemmija illi f'*kazi bhal dawn ma tezisti ebda formula magika, specjalment meta l-incident ikollu konsegwenza fatali. Il-Qorti tifhem ukoll li hemm differenza f'sitwazzjoni fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja li minnu din tkun tiddependi direttament, ghal xi sitwazzjoni ohra fejn invece, si tratta ta' membru iehor tal-familja .. li. fin normalita` tal-hajja l-probabbilita` tkun li din tiehu l-istat taghha jew tmur tghix ghal rasha.*

Dan l-insenjament jinsab ukoll approvat f'sentenza aktar ricenti ta' din il-Qorti (**Vincent Chetcuti et v. Direttur Generali tal-Habs et** – deciza fl-1 ta' April 2014) fejn addirittura fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz tnaqqas persentagg akbar (75 fil-mija).

Din il-Qorti ghalhekk taqbel mal-kontenut tar-rikors tal-appell fejn l-appellanti sostniet li d-danni ghandhom jigu likwidati bil-mod li ssuggeriet hi u cioe` li jkunu zewg terzi tas-somma ta' Lm3,000 li kien jippercepixxi l-mejjet fis-sena multiplikat bi tletin (snin ta' hajja lavorattiva) li minnhom jintaqqas 25 fil-mija ghall-konsum previst u allura jwasslu ghas-somma ta' Lm22,500, illum €52,410.90. Ma ghandu jitnaqqas ebda ammont ghal hlas f'daqqa minhabba t-tul ta' zmien li hadet il-kawza. L-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza tal-Prim' Awla fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi ricenti fir-rigward – ara

per ezempju **Vassallo v. Camilleri** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar 2014) u l-istess **Turner v. Agius** gia` msemmija fejn intqal illi;

*Dwar id-dekorrenza tal-imghax, il-Qorti irriteniet illi l-imghax fejn it-talba kienet 'da liquidare' ma kellux jghaddi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni propju minhabba l-principju 'in liquidandis non fit mora'. Il-Qorti ziedet pero` li l-imghax kellu jghaddi mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument il-konvenut kellu ideja tac-cifri involuti izda kien naqas milli jiddepozita ebda parti mill-ammont ta' danni sabiex jezimi ruhu mir-responsabbilita`.*

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-konvenuta billi tichad it-talba taghha biex jigi dikjarat li m'hijiex resposabbli ghall-incident imsemmi fic-citazzjoni u d-danni konsegwenzjali izda tilqghu fejn talbet ir-riforma tas-sentenza fil-parti fejn giet ikkundannata thallas id-danni u dan billi tordna li s-somma li hija ghandha thallas lill-atturi tkun ta' €52,410.90 minflok dik likwidata mill-ewwel Qorti bl-imghaxjiet mid-data tas-sentenza appellata. L-ispejjez tal-ewwel istanza kif deciz f'dik is-sentenza appellata; dawk tal-appell ghandhom jithallsu kwantu ghal zewg terzi mill-appellanti u terz mill-appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------